**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 21 ta' Frar, 2024**

Rikors Numru: 414/21 AL

A B

vs

C B

(MR Nurmu 635/1993)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar is-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elf, disa' mija, tlieta u disghin (1993) - certifikat anness u mmarkat bhala Dok 'A'.

2. Illi l-partijiet sseparaw permezz ta' sentenza datata erbgha (4) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019) fl-ismijiet *CB f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' binha DB vs AB*, liema sentenza giet appellata u deciza mill-Qorti tal-Appell fit-tmienja (8) t'Ottubru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), kopja ta' liema appell qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok 'B'.

3. Illi l-partijiet ghandhom wild wiehed li jismu D, li illum huwa maggorenni.

4. Illi ghaddew aktar minn tnax (12)-il sena mid-data li fiha l-partijiet ilhom jghixu hajja separata minn xulxin, u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.

5. Illi l-esponent jiddikjara li m'hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuta.

6. Illi ghaldaqstant l-esponent jissodisfa r-rekwiziti kollha stabbiliti mil-ligi biex jinghata d-divorzju.

7. Illi huwa jixtieq jiddivorzja u li z-zwieg tieghu jigi mahlul.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tawtorizza u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

u dan taht kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun.

Rat ir-risposta tal-intimata a fol 46 tal-process fejn esponiet:

1. Illi t-talbiet ta' A B ma jistghux jintlaqghu ghaliex assolutament m'huwiex minnu illi l-arretrati kollha tal-manteniment li kienu dovuti fil-fatt thallsu. Dan qieghed jinghad ghaliex sallum, A B ma hallas xejn mill-ammont li l-Qorti ta' Prim' Istanza kienet ikkundannatu jhallas fis-sentenza tal-4 t'April 2019 fl-ismijiet C B f'isimha proprio u bhala kuratrici ad litem ta' binha D B vs A B' fejn fost l-arretrati li kellhom jithallsu skond dik is-sentenza kien hemm arretrati marbuta ma; spejjez straordinarji dwar sahha u edukazzjoni ta' AB

2. Fic-cirkostanzi, ma jirrizultawx sodisfatti r-rekwiziti ghall-ghoti tad-divorzju.

3. Salv eccezzjonijiet ohrajn permissibbli skond il-Ligi.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Ottubru 2021;

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz tagħha oġġezzjonat li l-Qorti tilqa` t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur peress illi skont hi l-arretrati kollha tal-manteniment li kienu dovuti baqghu ma thallsux. Hija qalet illi sa dakinhar li ppreżentat ir-risposta u ċioe` it-3 ta' Novembru 2021, ir-rikorrenti ma kien ħallas xejn mill-ammont illi l-Qorti tal-Prim' Istanza kienet ordnatlu jhallas permezz ta' sentenza datata l-4 ta' April 2019 moghtija fl-ismijiet C B f'isimha proprju u bhala kuratriċi *ad litem* ta' binha D B  vs A B;

Rat ix-xhieda illi nstemgħet mill-assistent ġudizzjarju Dr. Maria Dolores Gauci u rat illi l-intimata xehdet illi r-rikorrenti ma ħallashiex l-ispejjez li kienu jammontaw għal ċirka ħdax -il elf u ħames mitt euro (€11,500) li kienu dovuti fir-rigward ta' spejjeż extra-kurikulari inkorsi għall-minuri u liema spejjez hu kien obbligat li iħallas permezz tas-sentenza tal-Qorti;

L-intimata xehdet ukoll li kien hemm spejjeż dovuti għall-manteniment tal-minuri u illi r-rikorrenti ma ħallasx l-ammont kollu dovut skont is-sentenza;
Il-Qorti rat illi x-xhieda mogħtija mill-intimata ma ġiet bl-ebda mod kontraddetta mir-rikorrenti; Ghaldaqstant, wieħed mill-kwiżiti essenzjali

rikjesti mill-liġi sabiex jingħata divorzju u ċioe` li ma jkunx hemm arretrati fil-ħlas ta' manteniment, ma ġiex sodisfatt;

Għaldaqstant, il-Qorti qegħda tiċħad it-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.